Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/34*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 34 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar l-Erbgħa 28 ta' Ottubru, 2015 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Matthew Attard.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-33

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Offerti

**Offerta Nru 2015-01** – Services of a Contract Manager and Local Council Architect. Il-Bord tal-Għażla tal-Offerti għadda r-rapport tiegħu lill-Kunsill. Il-Bord irrakkomanda li l-offerta ta' Mario Cordina CP Partners għandha tiġi aċċettata għar-raġuni li hi l-aktar offerta vantaġġjuża u skond l-ispeċifikazzjonijiet tad-dokument tal-offerta. Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jaċċetta l-offerta ta' Mario Cordina CP Partners.

**Offerta Nru 2015-02** – Supply of cold Asphalt and for the maintenance and patching with hot rolled asphalt of various streets as directed by the L-Għasri Local Council. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Bord tal-Għażla tal-Offerti talab li l-proċess tal-għażla ta' din l-offerta issir wara li jiġi iffirmat il-kuntratt mal-Perit tal-Kunsill. Dan għar-raġuni biex il-Bord jiltaqa' mal-Perit u jiddiskuti miegħu l-materja li taqa' taħt il-kompetenza tiegħu bħala Perit. B'hekk ir-rapport tal-Bord tal-Għażla tal-Offerti ikun jista' jasal għal konklużjoni tajba u ġusta. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Bord u għalhekk kif jiġi iffirmat il-kuntratt mal-Perit magħżul tal-Kunsill inkunu nistgħu nipproċedu bl-għażla ta' din l-offerta.

**Offerta Nru 2015-03** – Laying of hot asphalt including ancillary works at Triq il-Fanal, L-Għasri. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Bord tal-Għażla tal-Offerti talab li l-proċess tal-għażla ta' din l-offerta issir wara li jiġi iffirmat il-kuntratt mal-Perit tal-Kunsill. Dan għar-raġuni biex il-Bord jiltaqa' mal-Perit u jiddiskuti miegħu l-materja li taqa' taħt il-kompetenza tiegħu bħala Perit. B'hekk ir-rapport tal-Bord tal-Għażla tal-Offerti ikun jista' jasal għal konklużjoni tajba u ġusta. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Bord u għalhekk kif jiġi iffirmat il-kuntratt mal-Perit magħżul tal-Kunsill inkunu nistgħu nipproċedu bl-għażla ta' din l-offerta.

**4. Attivitajiet għal żmien il-Milied**

Il-Kunsill qabel li jiġu organizzati l-attivitajiet fi żmien il-Milied. L-attivitajiet ser ikunu simili għal tas-snin preċedenti. Ser isiru plays mit-tfal, żgħażagħ u anke oħra imtella' mill-kbar. Il-librara Marvic Attard Briffa se tieħu ħsieb tikkordina dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill qabel li dawn isiru nhar il-Ħadd 27 ta' Diċembru għal kulħadd, u nhar it-Tlieta 29 ta' Diċembru għall-anzjani. Dak in-nhar li issir għall-anzjani ser isir ukoll riċeviment żgħir. Ir-reċiviment ser jorganizzawh il-Kumitat tal-Festa. Ser issir ukoll l-attivita għat-tfal fil-Museum. Din ser issir nhar it-Tnejn 28 ta' Diċembru. Ser ikun hemm l-entertainment u anke party għat-tfal. Il-Kumitat tal-Festa ser jieħu ħsieb biex jagħmel l-ikel u anke iqassam ix-xorb lit-tfal.

Dwar it-tiżjin tal-pjazza u Triq Dun Karm Caruana s-Sindku qal li l-Kumitat tal-Festa se jieħu ħsieb biex jarma t-tiżjin u anke se jipruvaw li jarmaw is-siġra tal-pjazza.

**5. Korrispondenza**

5.01 Memo 26/2015 – Delega tal-Infurzar Lokali lill-Aġenzija L.E.S.A.

5.02 Memo 27/2015 – Kjarifika dwar Memo 21/2015 – L-Immaniġġjar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku (l-WEEE) miġbura mill-Kunsilli Lokali.

5.03 Memo 28/2015 – Proġetti Ko-Finanzjati mill-Unjoni Ewropea.

5.04 Memo 29/2015 – Iżjed Riżorsi Umani fil-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali.

5.05 Memo 30/2015 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għall-2016 (minn Jannar sa Diċembru). Il-Kunsill qabel li għandna naplikaw għall-fondi minn din l-iskema. Il-Kunsill qabel li l-attivita għandha issir matul il-ġimgħa tal-Festa u b'hekk inkunu nistgħu ngħinu fit-tkabbir tal-attivitajiet tal-Festa. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jieħu ħsieb sabiex din l-applikazzjoni issir.

5.06 L-Onor. Dr Chris Said (Shadow Minister għal Għawdex) talab li jiltaqa' mal-Kunsill.

**6. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-34 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**7. Materja oħra**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien iltaqa' ma' uffiċċjali mill-Wasteserv Mary Mercieca u Joellson Bezzina dwar l-attivita li tista' issir mill-

Kunsill fl-okkażjoni tal-European Week for Waste Reduction (EWWR). Ġie propost li norganizzaw ġbir ta' ħwejjeġ biex jerġgħu jintużaw jew jiġu riċiklati. Il-Kunsill qabel li flimkien ma' Greenmt norganizzaw din l-attivita nhar is-Sibt 28 ta' Novembru. Ser isir ukoll fuljett ta' informazzjoni dwar din l-attivita u anke ninfurmaw lir-residenti dwar is-servizzi kollha li għandna għal ġbir ta' skart riċiklabbli. Greenmt offrew ukoll li min iġib il-ġwejjeġ użati għal riċiklaġġ jew biex jerġgħu jintużaw se jingħata boroż griżi b'xejn.

7.02 Rapport Finanzjarju ta' kull Kwart - (April-Ġunju u Lulju-Settembru 2015). Dawn id-dokumenti kienu tqassmu lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u qabel li għandu ikompli jaħdem fil-limitazzjonijiet finanzjarji tiegħu u b'hekk jiġi evitat li jsir id-dejn. Il-Kunsill approva unanimament dawn ir-rapporti finanzjarji.

7.03 Il-Kunsillier Joseph Farrugia informa lill-Kunsill li kellu suġġeriment biex il-bus stop li hemm fi Triq il-Fanal tersaq ftit jew issir oħra. Il-Kunsill qabel li aktarx li Transport Malta mhux se taċċetta li issir oħra ftit metri l-bogħod minn dik eżistenti. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jmur jara fuq il-post u jara x'inhu l-aħjar li jista' jsir wara li jikkonsulta ukoll mar-residenti li jużaw din il-bus stop.

7.04 Manuel Tabone mill-Munxar li għandu l-egħlieqi fl-inħawi ta' Triq Wied L-Għasri talab li jitneħħa terrapien li qed jimblokka l-wied u għalhekk tista tiġri l-ħsara meta tagħmel ix-xita. Il-Kunsill diġa iddiskuta dwar dan is-suġġett f'laqgħat preċedenti u qiegħed fil-pjan tal-Kunsill biex isir ix-xogħol meħtieġ.

7.05 Manuel Tabone mill-Munxar li għandu l-egħlieqi fl-inħawi ta' Triq Wied L-Għasri talab ukoll biex jitneħħa skart li intefa' fl-inħawi magħrufa bħala tal-Qortin. Il-Kunsill qabel li għandna immorru naraw x'hemm u jekk hemm xi skart għandu jitneħħa.

7.06 Peter Zahra ta' Triq il-Fanal, talab sabiex jiġi irranġat l-aċċess għall-għelieqi fl-inħawi magħrufa bħala tal-Gallina. F'dawn l-inħawi meta saret it-triq mill-ġdid kien hemm bżonn li jitranġew ir-rampi għall-egħlieqi. Waħda mir-rampi għadha ma ġietx irranġata u għalhekk il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ mill-Kuntrattur Anton Mintoff.

7.07 Peter Grech ta' Triq il-Fanal talab jitranġa l-ħajt li iġġarraf fil-passaġ li hemm int u tiela l-għolja ta' Għammar minn naħa ta' Triq Fanal. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ mill-ħaddiema tas-CMU.

7.08 Il-Kunsill kien iddiskuta biex jagħmel tabelli bil-ħinijiet tal-ġbir ta' skart u b'hekk kulħadd ikun infurmat. Il-Kunsill irċieva stimi għal tabelli li jkunu jeħlu dirett mal-ħajt. It-tabelli ikunu fuq materjal pvc tal-5mm u kbar 44cm x 80cm. L-istima minn għand Refalo Signs hija ta' €26 l'waħda. Il-Kunsill qabel li nordnaw erba' tabelli biex jeħlu madwar ir-raħal.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar l-Erbgħa 25 ta' Novembru, 2015 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.15p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |